## Konvenzzjoni tal-Gnus Maghquda ghad-drittijiet tal-Persuni b'Dizabilita

Bhal ma tafu f'Novembru 2012, Malta irratifikat il-Konvenzzjoni tal-Gnus Maghquda ghad-drittijiet tal-Persuni b'Dizabilita. F'April tas-sena l-ohra, kif titlob l-istess Konvenzjoni, infetah ufficjalment l-ufficju tal-Focal Point, li ix-xoghol principali tieghu huwa li jara li l-artikli ta' l-istess konvenzzjoni jkunu implimentati u rispettati fil-politika tal-Gvern Malti, fil-qasam tal-persuni b'dizabilita'.

L-ewwel task li kellu quddiemu dan l-ufficju kien il-kitba ta' dan l-istate report. Filfatt, il-konvenzzjoni titlob li kull stat irid jipprezenta State Report wara l-ewwel sentejn mir-ratifikazzjoni ta' l-istess konvenzzjoni. Filfatt l-ufficju tal-Focal Point, flimkien mas-Segretarjat (PSDAA), ipprezenta dan id-dokument lin-Nazzjonijiet Uniti f'Novembru li ghaddha.

Dan id-dokument jirraparta l-istat li Malta qieghda fih bhalissa f'dak li jirrigwardja l-oqsma kollha li direttament jew indirettament jolqtu l-hajja u d-drittijiet ta' persuni b'dizabilita'. Filwaqt li l-Konvenzzjoni hija maqsuma f'35 Artiklu, dan id-dokument jirraporta l-posizzjoni kurrenti tieghu fuq kull artiklu msemmi f'din il-konvenzjoni. Fost l-Artikli li wiehed isib, hemm dawk rigward l-Accessibilita', is-Sahha,

l-Edukazzjoni, l-Access ghall-Gustizzja, ix-Xoghol, id-Dar u l-Familja, kif ukoll l-inkluzzjoni socjali, fost artikli ohra.

X'ha jigir minn dan l-istate report ? Dan l-istate report, filwaqt li bhalissa qieghed online, fis-sit tan-Nazzjonijiet Uniti, ser ikun analizzat fid-dettal mill-Kumitat ta' din il-Konvenzjoni gewwa Geneva. Dan il-kumitat, aktar tard din is-sena ser jibghat l-opinjonijiet tieghu fuq id-dokument ipprezentat. Malta mbghad ikollha cans, tressaq il-punti taghha fuq ir-rapport ta' dan l-istess Kumitat li hu ffurmat minn persuni esperti f'dan il-qasam li gejjin minn pajjizi differenti minn madwar id-dinja. It-twegibha li Malta mbghad tibghat lil dan il-Kumitat terga tigi analizzata, u lejn nofs is-sena d-diehla, raprezentanza Maltija, titla gewwa Geneva, fejn tiltaqa ma dan il-kumitat (ghal dak li jissehh Grilling), fejn isiru diversi domandi ghal dak li l-kumitat ihoss li l-Malta qed tonqos milli tirrispetta meta mqabbel ma din il-Konvenzzjoni. Waqt il-Grilling, Malta, bil-fatti trid turi l-poilitika taghha u l-istrategija li bijha qed timplimenta u tharess dak li din il-konvenzzjoni qieghda tghid.

Minnbarra l-iskrutinju li n-Nazzjonijiet Uniti permezz ta' dan ir-rapport ser tkun qed taghmel fuq pajjizna, dan id-dokument, huwa ghal dan l-Ufficju, ghas-Segretarjat, kif ukoll ghal Gvern Malti, ghodda essenzjali ta' gwida, ta' fejn irridu mmorru, biex verament mill-kliem nghaddu ghal fatti u biex bis-serjeta, il-bzonnijiet u d-

drittijiet tal-persuni b'dizabilita' jigu mharsa u msahha. Filfatt, dan id-dokument kien importanti waqt li kienet qed tigi zviluppata, il-Politika Nazzjonali li dan is-Segretarjat ipprezenta f'Dicembru li ghadda. L-istate report, ser ikun ukoll ghodda importanti biex fuqu u fuq l-prijoritajiet elenkati fil-Politika Nazzjonali, tithejja l-istrategija nazzjonali (li bhalissa qieghda tigi zviluppata minn dan is-segretarjat b'hidma mal-focal point, KNPD, u ma l-istake holders f'dan il-qasam). Permezz ta' l-istrategija nazzjonali, dan is-segretarjat bil-hidma mal-Gvern kollu, ser tkun bil-fatti qed turi kif ser jigu implimentati dawk it-temi li huma mnzilla fil-Politika Nazzjonali.

L-iState Report inkiteb bejn Mejju u Settembru tas-sena l-ohra, ghaldaqstant il-kontenut ta' dan ir-rapport jirrispekja dak li sar f'dan il-qasam minn meta din il-konvenzzjoni giet ratifikata sas-sena l-ohra. Filfatt diga bdew isiru updates godda fuq dan ir-rapport, specjalment wara li fl-ahhar budget, kien hemm bosta incentivvi u azzjonijiet godda, specjalment fid-dinja tax-xoghol ghal persuni b'dizabilita'. Dawn l-updates mbghad jergaw jigu pprezentati f'rapporti ohra li jridu jsiru kull 4 snin kif stipulat fil-konvenzzjoni. Minhabba, li il-maggoranza ta' l-informazzjoni li wiehed isib f'dan ir-rapport jew ma kienetx tezisti, jew kienet mizmuma f'Ministeri jew dipartimenti differenti, saru bosta laqghat ma' raprezzentatni differenti minn kull Ministeru. Filfatt, kull ministeru ghandu rapprezentat ma l-Ufficju tal-Focal Point, biex il-komunikazzjoni tkun wahda aktar efficjenti. Barra

laqghat mal-Gvern, saru bosta laqghat ohra ma NGOs li jahdmu f'dan il-qasam, kif ukoll ma persuni b'dizabilita' u familjari taghhom. B'kollox, ghal kitba ta' dan ir-rapport saru 65 laqgha. Barra minnhekk, informazzjoni ohra ingabret permezz ta' questionneres relatati ma l-artiklki differenti tal-konvenzzjoni.

Fl-ahharnett, nixtieq nirringrazzja lil dawk kollha nvoluti fil-kitba ta' dan ir-rapport, fosthom lis-Segratarjat immexxi mill-Onor.Caruana, persuni li hadmu fl-ufficju tal-Focal Point, il-Focal Points minn kull Ministeru, l-NGOs, u persuni b'dizabilita' li lkoll flimkien u fi zmien relativvament qasir taw l-input taghhom, biex l-informazzjoni tingabar fil-hin u f'dettal.